

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Banca Monte dei Paschi di Siena SpA u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 13.6.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – Banca Monte dei Paschi di Siena u Banca Widiba vs EUIPO – ING-DiBa (widiba)**

(Kawża T-84/16) <sup>(1)</sup>

*["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea widiba — Trade mark nazzjonali preċedenti DiBa — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (CE) Nru 207/2009 — Inammissibbiltà tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell — Applikazzjoni għal restitutio in integrum — Dmir ta' viġilanza"]*

(2017/C 374/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Banca Monte dei Paschi di Siena SpA (Siena, l-Italja) u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: L. Trevisan u D. Contini, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u J. García Murillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* ING-DiBa AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Gerling u M. Wolpert-Witzel, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-26 ta' Novembru 2015 (Każijiet magħquda R 113/2015-2 u R 174/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ING-DiBa u Banca Monte dei Paschi di Siena.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Banca Monte dei Paschi di Siena SpA u Wise Dialog Bank SpA (Banca Widiba SpA) huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 211, 13.6.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2017 – Eurofast vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-87/16) <sup>(1)</sup>

*(Għajjnuna finanzjarja — Is — seba' programm qafas għall — azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni — Konvenzjoni ASSET — Deċiżjoni ta' rkupru permezz ta' tpaċċija ta' ċerti somom imħallsa wara awditu finanzjarju — Rikors għal annullament — Aspettattivi leġittimi — Klawżola ta' arbitraġġ — Terminu għall — komunikazzjoni tar — rapport ta' awditu — Prinċipju ta' kontradittorju — Eliġibbiltà tal — ispejjeż — Responsabbiltà kuntrattwali)*

(2017/C 374/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eurofast SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà, S. Delaude u S. Lejeune, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2015 li tirkupra permezz ta' tpaċċija, skont il-konklużjonijiet ta' awditu finanzjarju, ta' ċerti somom imħallsa lir-rikorrenti b'eżekuzzjoni tal-ftehim ta' sussidju Nru 211625 għat-twettiq tal-proġett Asset, konkluż fil-kuntest tas-seba' programm qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni, u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza tal-imsemmi dejn, sabiex l-ispejjeż sostnuti fl-eżekuzzjoni tal-ftehim ta' sussidju Nru 211625 għat-twettiq tal-proġett Asset jiġu ddikkjarati eliġibbli u sabiex il-Kummissjoni tikkonferma l-leġittimità tal-finanzjament mogħti, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tħallas somma ineżekuzzjoni tal-ftehim ta' sussidju Nru 607049 għat-twettiq tal-proġett Eksistenz u sabiex din tal-aħħar tiġi kkundanata tħallas kumpens kuntrattwali.

### Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Eurofast SARL hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma ta' EUR 78 380,28, li tikkorrispondi għar-rimbors tal-ghajjnuna finanzjarja li bbenefikat minnha abbażi tal-ftehim ta' sussidju Nru 211625 għat-twettiq tal-proġett "Aeronautic Study on Seamless Transport", flimkien mal-interessi moratorji ta' 3,55 % mit-13 ta' Jannar 2015, tnaqqis tal-ammont impaċċi, jiġifieri EUR 69 923,68 sad-data tas-17 ta' Diċembru 2015.*
- 3) *Eurofast għandha tbat, minbarra spejjeż oħra, dawk sostnuti mill-Kummissjoni, inkluż dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 136, 18.04.2016.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2017 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-261/16) <sup>(1)</sup>

**["FEAG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Skema ta' appoġġ dirett għal bdiewa — Regolamenti (KE) Nri 73/2009 u 1122/2009 — Sistema ta' kwoti tal-ħalib — Regolamenti (KE) Nri 1788/2003 u 595/2004 — Sostituzzjoni ta' kontrolli fil-post tal-irziezet b'kontrolli amministrattivi"]**

(2017/C 374/48)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, J. Saraiva de Almeida u P. Estêvão, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Lewis, G. Braga da Cruz u J. Guillem Carrau, sussegwentement A. Lewis u B. Rechena, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/417, tas-17 ta' Marzu 2016, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 75, p. 16), inkluż dak imwettaq mir-Repubblika Portugiża fil-kuntest ta' "Għajjnuna Diretta Oħra – Artikol[i] 68-72 tar-Regolament [Nru] 73/2009" għas-snin finanzjarji 2011 sa 2013 għas-somma totali ta' EUR 385 762,22.